**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Artikoli 41(1)(a) u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9**
**Artikolu 6 tal-Kapitolu 480**
**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**OMISSIS**
**(ID: OMISSIS)**

**Illum, 5 ta' Dicembru 2016**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **OMISSIS**, detentur tal-karta tal-identita' omissis gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Flimkien ma' persuna ohra nhar it-3 ta' Awwissu 2016 ghall-habta tal-hamsa neqsin kwarta ta' wara nofsinhar (16:45hrs) u fil-gimghat ta' qabel minn gol fond omissis:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ta' serq aggravat bil-valur li jeccedi l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), bil-mezz u bil-lok, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u dan ghad-dannu tal-familja omissis.

2. Talli volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli meta ghamel hsara fl-istess residenza ghad-dannu tal-familja omissis liema hsara ma tkunx tiskorri l-mitejn u hamsin ewro (€250).

3. Garr il-barra minn xi fond jew id-dintorni taghhom xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tigi trattata b'mod sommarju, estratt mill-att tat-twelid tal-imputat, fedina penali, stqarrija tal-imputat u okkorrenza.

Rat li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti tant li rregistra ammissjoni.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha waqt is-seduta tal-5 ta' Dicembru 2016 u dana fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, setgha jerga' lura

minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu ghall-akkuzi kollha giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal-5 ta' Dicembru 2016.

Semghet lill-imputat jobbliga ruhu li ser jghin lill-Prosekuzzjoni sabiex jigi skopert l-awtur ta' dan ir-reat.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tghid illi hija ghandha bzonn lill-imputat sabiex taqbad l-awtur tar-reati in kwistjoni.

**Ghaldaqstant, il-Qorti rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 41(1)(a) u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u issib lill-imputat OMISSIS hati tal-ewwel u t-tieni akkuzi u tikkundannah hmistax-il xahar prigunerija sospizi ghal tliet snin ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ssibu hati tat-tielet akkuza u tikkundannah multa ta' hamsin ewro (€50).**

**Il-Qorti tordna ulterjorment, stante li l-investigazzjoni tal-Pulizija Investigattiva ghadha ghaddejja illi isem u l-partikolaritajiet kollha u l-lok fejn sehh l-incident ma jigux imxandra f'kull mezz tax-xandir u dan fl-interess tal-gustizzja sabiex l-investigazzjoni tal-pulizija ma tigix imxekkla.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can)**
**Magistrat**